MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 923/2007/1

**oseph u Therese Vella**

**vs**

**Dennis u Miriam konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Marzu, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Dicembru, 2007, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, mija u disgha u sittin lira maltija, sebghin centezmu illum ekwivalenti ghal Euro2,724.66c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati dolozament mill-konvenuti fil-proprjeta` taghhom u cioe` fid-dar

u fil-karozza kif ser jirrizulta waqt l-ismiegh ta` dan il-kaz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali numru 5859/07 datata 17 ta` Ottubru, 2007 u bl-imghax minn dik id-data kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 16 ta` April, 2008 fejn ikkontesta l-ammont reklamat mill-atturi stante li kien ezagerat u ma jirriflettix id-danni minnhom subiti.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in kwistjoni irrizulta mill-bidu nett tal-kawza li l-konvenuti qieghdin jikkontestaw biss il-kwantum tad-danni u mhux ir-responsabbilita` per se` tal-hsara kawzata. Dan jinsab rifless ukoll mix-xhieda moghtija mill-Ispettur tal-Pulizija Anthony Cassar.

Illi in vista tal-fatt li l-konvenuti ma jaqblux ma` l-ammont reklamat mill-atturi u stante il-massima legali civili li wiehed ghandu l-obbligu dejjem sabiex jipprova jimminimizza d-danni subiti, dan it-Tribunal innomina perit tekniku sabiex jirrilaxxja rapport dwar kemm wiehed ghandu jbghati spejjez sabiex tigi rimedjata l-hsara subita fil-bieb ta` barra ta` l-atturi.

Dwar il-hsara subita fil-vettura ta` l-atturi, xehed is-surveyor Nathalino Agius li vvaluta d-danni fl-ammont ta` Lm427, illum ekwivalenti ghal Euro994.64c inkluz il-VAT u dana anke skond survey report markat Dok NA1. Ighid ukoll li

ghalkemm il-vettura kienet tas-sena 1992 u li ma kinietx mizbugha biz-zebgha tal-fabbrika xorta wahda ddikjara li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba minghajr sadid u daqqiet. In kontro ezami huwa jafferma li l-istima kienet tirrifletti fejn kien jehtieg l-ispray u mhux li tinzebagh il-vettura kollha.

In kontrast ma` din il-prova, il-konvenuti resqu ix-xhieda tal-motor Surveyor Philip Zammit u tar-rapport tieghu markat Dok PZ 1. Skond dan ir-rapport jirrizulta li l-hsara kawzata fuq il-vettura ta` l-atturi ma kinietx taccedi s-somma ta` Euro118.78c li tikkontrasta sew ma` l-ammont ta` Euro994.64c imsemmija hawn fuq. Minn komparazzjoni taz-zewg rapporti jirrizulta li Zammit ma haseb xejn ghal loss of use, polish, cleaning u ftit panel beating li huma ammonti relattivament zghar. L-akbar diskrepanza bejn iz-zewg kontijiet tinsab fl-ammont ta` Lm275 ghall-ispray (Euro640.57c) kontra Euro109 total labour cost (Labour cost + paint material). It-Tribunal isib ir-rapport ta` Zammit xejn rejalistiku filwaqt li dak ta` Agius aktar kredibbli u vicin il-verita`.

Fir-rigward tal-provi li ressqu l-atturi dwar il-hsara fuq il-bieb ta` barra, ix-xhud li ressqu Joe Demicoli jistqarr li l-bieb ma kienx jitranga u kellu jinbidel ghal wiehed gdid u hareg b'valur ta` Lm450 eskluza l-VAT u dana kif jirrizulta mir-rapport tieghu markat Dok JD1. Ghal kuntrarju Lawrence Fenech prodott mill-konvenuti jafferma li l-istess bieb seta` jitranga bl-infieq ta` Euro20 zebgha u nofs siegha labour. Fid-dawl ta` diskrepanza daqs tant wiesgha bejn iz-zewg nahat, it-Tribunal innomina Perit Tekniku sabiex jezamina l-istess bieb ta` barra u johrog bi stima ta` l-hsarat.

Victor Scerri l-espert nominat mill-Qorti irrapporta li l-valur tal-hsarat biex jigi rimedjat il-bieb ta` barra jammonta ghal Euro580 inkluz il-VAT filwaqt li bieb gdid ikun jiswa Euro1,240 inkluz VAT pero`

minghajr sokor u handles. Meta imressaq in eskussjoni mill-konvenut l-espert tekniku jikkonferma r-rapport tieghu u jistqarr li ghalkemm il-bieb kien wasal ghal xi manutenzjoni, pero` l-istima li huwa ta kien biex dan jigi rimedjat ghall-istat li kien fih qabel iz-zebgha. F’kaz li l-bieb kellu jigi restawrat fuq il-post minghajr ma jinqala` dan jigi jiswa` Euro420 (Lm180).

Illi ghar-rigward il-bieb ta` barra ghalhekk it-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ma ghandux jistrieh fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku li wasal ghal cifra ta` Euro420 b’dan illi l-bieb jigi restawrat fuq il-post minghajr ma jinqala. Mill-banda l-ohra, it-Tribunal ghalkemm ser joqghod aktar fuq is-survey report ta` Nathalino Agius fir-rigward tal-hsarat fuq il-vettura ghar-raguni li ntqal aktar il-fuq, pero` xorta wahda jikkunsidra *arbitrio buon viri* li certu spejjez jistghu jigu minimizzati aktar anke tenut kont tal-fatt li l-vettura hija tas-sena 1992 u li z-zebgha taghha ma kinietx originali tal-fabbrika. Ghal dawn ir-ragunijiet il-hsara fuq il-vettura qed tigi likwidata minn dan it-Tribunal fl-ammont ta` Euro700.

Illi ghalhekk il-hsara globali sofferta mill-atturi per kawza ta` l-agir illegali da parti tal-konvenut fuq il-bieb u fuq il-vettura tammonta komplessivament fis-somma ta` Euro1,120.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` in parte l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti fis-sens illi l-ammont mitlub mill-atturi ma kienx jirrifletti l-valur tad-danni subiti, u kwindi jillikwida l-istess hsarat fl-ammont ta` Euro1,120 u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat fis-somma ta` Euro1,120, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u fir-rigward tal-Kap ta` l-ispejjez, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li nonostante l-mod kif giet deciza dina l-kawza, xorta wahda ghandu jirrizulta gust u ekwu

> li l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.”

L-atturi appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-riforma taghha. Huma jilmentaw illi t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-kap tad-danni relattiv ghall-hsarat fil-faccata tad-dar u, dan, avolja, l-ezistenza ta’ dawn il-hsarat u l-ammont korrispondenti dwarhom gew debitament ikkonfermati;

B’dan l-aggravju l-appellanti qeghdin jirreferu ghar-ras tad-danni konsistenti minn hsarat fil-madum tal-faccata tad-dar taghhom, kif ahjar kwantifikati fl-istima tas-socjeta` Silvercraft Products Ltd a fol. 34 tal-process. Jirrizulta bhala fatt mill-atti processwali illi meta xehdet fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Mejju, 2008 (fol. 30) Angela Scerri, direttrici tal-kumpanija msemmija ma kienetx in grad li tiftakar u, allura, li tikkonferma l-istima rilaxxjata mis-socjeta` taghha. Aktar ‘il quddiem pero` din l-istima giet esebita b’Nota mill-atturi (6 ta’ Gunju, 2008, fol. 33) fejn fuqha hu indikat, taht il-firma guramentata ta’ l-istess Angela Scerri, illi din kienet qed tikkonferma l-korrettezza taghha. Ara dokument a fol. 34 rapprezentanti stima ta’ Lm292.70 ghall-provizjon ta’ madum u *mano d’opera* relatat;

Issa l-appellanti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti illi l-ammont likwidat mit-Tribunal ghandu jizdied b’din ic-cifra ghal raguni illi t-Tribunal naqas milli jistatwixxi fuq il-partita tal-madum kompriza fit-total tad-danni rikjesti minnhom. Bla dubju, dan l-aggravju hu fondat;

Fl-ezercizzju ta’ l-interpretazzjoni tal-kwalifikazzjoni tat-talba kif proposta, it-Tribunal kellu d-dover jaccerta u jevalwa l-kontenut sostanzjali tal-pretensjoni desumibbli mill-atti, il-vicendi u l-precizazzjonijiet kollha provvduti fil-kors tal-gudizzju. L-istess Tribunal kellu wkoll l-obbligu li jipprovdi konkretament dwar dawk l-istess accertamenti. Evidentement, minn dak rilevat, kienu jezistu elementi sufficjenti rikavabbli mill-provi li l-atturi appellanti kienu qeghdin jitolbu, u jinsistu wkoll, ghal partita tad-danni,

mertu ta’ l-appell issa interpost, u li, x’aktarx bi zvista, it-Tribunal naqas milli jipprovdi dwarhom, bil-konsegwenza li tonqos il-korrispondenza shiha bejn il-mitlub u l-pronunzjament;

Proprju b’dak mitlub ghandu jirrizulta wisq car illi s-somma komplessiva bl-Avviz tat-Talba (Lm1169.70) tikkomprendi fiha d-dannu fil-madum tal-faccata tad-dar (Lm292.70), oltre d-danni fil-bieb estern ta’ l-istess dar (Lm450 skond stima ta’ Joe Demicoli ghal St. Joseph Woodworks, fol. 16), u dawk fil-vettura ta’ l-atturi (Lm427 skond stima tas-*surveyor* Natalino Agius, fol. 17);

Billi d-domanda sottoposta lil din il-Qorti ghall-addizzjoni tas-somma ta’ Lm292.70 ma’ l-ammont kanonizzat mit-Tribunal tista’ titqies parti integrali ta’ l-istruttorja tal-kawza quddiem l-istess Tribunal, debitament provata mill-atturi, u inkontrastata mill-konvenuti, hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-kanonizzazjoni tad-danni aggudikati mit-Tribunal ghandha tizdied bl-ammont ta’ sitt mija wiehed u tmenin euro, wiehed u tmenin centezmu (€681.81) ossija mitejn tnejn u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm292.70). Hi din is-somma li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi appellanti s-somma komplessiva ta’ elf tmien mija u wiehed euro, wiehed u tmenin centezmu (€1801.81) in linea ta’ danni. L-ispejjez relattivi ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------